**28 ta' Frar, 1963**

**Imħallef:**

***Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.***

Annunzjata Borg et.

*versus*

Frank Abela

**Senserija — Ċitazzjoni — Korrezzjoni ta' — Isem — Żball f'**

*Ma tistax tintalab il-korrezzjoni ta' isem il-konvenut meta dina tkun tinvolvi s-sostituzzjoni tiegħu b'persuna oħra, jekk dik il-korrezzjoni ma tkunx ġiet mitluba mill-attur qabel ma tingħata eċċezzjoni li tippreklud̄iha.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi jitolbu illi, premessi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallashom bejniethom, bħala senserija hekk lilu prestata minnhom fl-okkażjoni meta huwa ħa in enfitewsi temporanja l-post numru 89, Carmel Street, Tarxien, jew inkella bħala kumpens għas-serviġi lilu prestati fl-istess okkażjoni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-istess Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, u kif jirriżulta tul it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi hu qatt ma inkarika lill-atturi biex jagħmlulu s-serviġi jew xi senserija u qatt ma ħa b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u dik tal-konvenut.

Semgħet bil-ġurament liż-żewġ atturi u lil konvenut.

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat.

Illi in segwitu għad-dibattitu orali, u speċjalment wara d-disposizzjonijiet ġià imsemija, irriżulta mingħajr ombra ta' dubju li l-konċessjoni temporanja indikata fiċ-ċitazzjoni ma ħadiex il-konvenut, imma ħadha ħuh Salvatore, jew Salvino Galea, u li kwindi is-senserija jew serviġi pretiżi, mill-atturi

ġew talvolta prestati lil dan tal-aħħar, u mhux lill-konvenut. Billi dan Salvatore jew Salvino Abela, huwa ħu l-konvenut, l-atturi jitolbu l-korrezzjoni ta' isem il-konvenut minn "Frank" għal "Salvatore". Il-konvenut jopponi din it-talba billi jissottometti li hu jismu "Frank" u mhux "Salvatore".

Illi skond l-art. 175 tal-kap. 15, tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, minn jeddha jew wara talba, tordna jew tippermetti tibdel fl-iskrittura sew billi fihom jiżdied jew titneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor f'loku, jew inkellha billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru. Dan però jista' jsir taħt il-kondizzjoni li ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sostanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.

Illi f'dan il-każ l-atturi jirrikonoxxu li huma riedu jikkonvenju fil-ġudizzju mhux lill-konvenut, imma lil ħuh Salvatore, jew aħjar lil min ġiet konċessa l-enfitewsi indikata fiċ-ċitazzjoni. Il-konvenut mill-ewwel, fin-nota ta' eċċezzjonijiet, bħala l-ewwel difiża, allega li ma għandu ebda interess fil-kawża, billi hu qatt ma ħa b'titolu ta' enfitewsi l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni. Mill-mument li l-atturi stess irrikonoxxew li huma riedu jikkonvjenu lil ħu l-konvenut, u mhux lil dan stess, l-eċċezzjoni tal-konvenut u anke l-opposizzjoni tiegħu għall-korrezzjoni domandata mill-atturi kienet legali; għaliex skond l-Art. 174 (b) tal-Kap 15 tal-Liġijiet imsemmijin, l-att taċ-ċitazzjoni għandu jkollu l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha ssir iċ-ċitazzjoni. F'dan il-każ ma jittrattax verament minn korrezzjoni ta' l-isem tal-istess persuna, ċioè l-konvenut li erroneament ġie ċitat bħala li jismu Frank mentri fil-fatt jismu Salvatore, imma jitratta minn żewġ persuni differenti li jeżistu t-tnejn, u kwindi ma jistax jiġi korrett l-isem Frank tal-konvenut, għaliex effettivament dan huwa ismu: Ġie ritenut illi 'se una persona venisse citata in nome proprio sarebbe cambiare la domanda l'aggiungere al nome

del citato una qualità diversa in cui deve rispondere" (App. 18.11.1921 — Theuma vs. Rolando Speranza Vol. XXIV ., 872), wisq iżjed tkun tiġi mibdula d-domanda jekk bħala konvenut tiġi sostitwita persuna oħra diversa għal dik ċitata. Barra minn dan, ġie kostantement ritenut mill-Qorti tagħna li mhix ammissibbli d-domanda għall-korezzjoni ta' żball fi skrittura wara l-allegazzjoni tal-eċċezzjoni (Vol. III, 589, V, 251, IX 658), u f'dan il-każ it-talba għall-korrezzjoni saret wara li ngħatat l-eċċezzjoni.

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut hija fondata.

Għal dawn il-motivi.

Tiddeċiedi billi tirrespinġi t-talba ta' l-atturi għall-korrezzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni u billi tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, l-ispejjeż kontra l-atturi.